MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1671/2004

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom ta' Ecclesiastical Insurance Office pls ta' l-Ingilterra kif surrogata fid-drittijiet ta` Renaldo Darmanin**

**Vs**

**Neville Psaila**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm241.58 (mitejn u wiehed erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) import ta' danni in segwitu ghal kollizzjoni li grat nhar il-21 ta' Gunju 2003.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-4 ta' Settembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-13 ta' Jannar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------